

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-16 Juillet 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG vs Hauptzollamt Köln**

(Kawża C-97/19) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kodiċi Doganali – Dikjarazzjonijiet doganali – Artikolu 78 ta' dan il-kodiċi – Reviżjoni tad-dikjarazzjoni doganali – Isem id-dikjarant – Emenda tal-informazzjoni relatata mal-identità tad-dikjarant intiża li turi l-eżistenza ta' relazzjoni ta' rappreżentanza indiretta – Rappreżentanza indiretta tal-persuna li kisbet ċertifikat ta' importazzjoni)*

(2020/C 297/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG

Konvenut: Hauptzollamt Köln

**Dispożittiv**

L-Artikolu 78(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet doganali jistgħu jilqgħu talba għal reviżjoni ta' dikjarazzjoni doganali intiża li turi l-eżistenza ta' relazzjoni ta' rappreżentanza indiretta bejn, minn naħa, mandatarju li, bi żball, ikun indika li qiegħed jaġixxi esklużivament f'ismu u għan-nom tiegħu stess, minkejja li kellu mandat mill-persuna fil-pussess taċ-ċertifikat ta' importazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-mandant li għan-nom tiegħu saret id-dikjarazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 182, 27.05.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-16 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Presidenza del Consiglio dei Ministri vs BV**

(Kawża C-129/19) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2004/80/KE – Artikolu 12(2) – Skemi nazzjonali ta' kumpens għal vittmi ta' kriminalità intenzjonali vjolenti li jiżguraw kumpens ġust u xieraq – Kamp ta' applikazzjoni – Vittma residenti fit-territorju tal-Istat Membru li fih twettaq id-delitt intenzjonali vjolenti – Obbligu li din il-vittma taqa' taħt l-iskema nazzjonali ta' kumpens – Kunċett ta' "kumpens ġust u xieraq" – Responsabbiltà tal-Istati Membri fil-każ ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni)*

(2020/C 297/17)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Presidenza del Consiglio dei Ministri

Konvenuta: BV

fil-preżenza ta': Procura della Repubblica di Torino